# Fortifikazzjonijiet fil-Viċinanzi Ta' San Ġiljan

Kitba tal-
Kav. Mario Coleiro OSJ

Il-lokalità ta' San Ġiljan hija waħda minn dawk il-lokalitajiet f'Malta li jinsabu viċin ħafna tal-baħar. Fil-bidu dan kien biss raħal ċkejken tas-sajjieda li kien magħqud mal-limiti ta' Birkirkara. Sa qabel il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann postijiet bħal dawn ma setgħux jiżviluppaw sewwa għax in-nies kienet tibża' tgħammar daqshekk viċin il-baħar. Dan kien dovut għal fatt li dawn il-postijiet kienu ta' sikwit jiġu attakkati mill-furbani tal-baħar li kienu jisirqu kull ma jiġi għal idejhom u jkaxkru lil min jaqbdu fil-jasar. Wara l-1530 il-Kavallieri bdew jaħsbu biex jiffortifikaw il-kosta Maltija biex inaqqsu l-ħbit tal-kursara. Naturalment l-ewwel inħawi li ġew fortifikati kienu l-inħawi tal-Port il-Kbir. Wara bdiet tingħata attenzjoni lil daħliet oħra li kienu kennija biżżejjed li fihom seta' jsir żbark tal-għadu. Kien il-Gran Mastru Alof deWignacourt li ħaseb biex jiddefendi bis-serjeta` il-kosta ta' Malta. Dan il-Gran Mastru ħaseb biex minn butu jibni numru ta' torrijiet f'postijiet vulnerabbli għall-attakki mill-baħar. Dawn kienu l-inħawi ta' Marsaxlokk, Wied il-Għajn, San Pawl il-Baħar, ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar u Kemmuna. Il-Gran Mastru Lascaris ħaseb ukoll biex ikompli jsaħħaħ id-difiża tal-kosta. Huwa bena t-torrijiet ta' Sant' Agata fil-Mellieħa, ieħor fil-Ġnejna u ieħor f'Għajn Tuffieħa, wieħed f'Wied iż-Żurrieq u wieħed l-Qawra , bena ieħor fin-Nadur limiti tar-Rabat ta' Malta u ieħor fil-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan. Dan it-


Il-Bajja ta' San Ġorġ

torri kien armat b'żewġ kanuni u jinsab f'post strateġiku li jiddefendi sew id-daħla tal-Bajja ta' San Ġorġ u l-kosta tan-naħa ta' St. Andrew's.

Imma l-iktar Gran Mastru li bena torrijiet tad-difiża tal-Kosta Maltija kien il-Gran Mastru De Redin li b'kollox bena tlettax-il torri. Fost dawn it-torrijiet, ta' min insemmu dawk li jinsabu fil-viċinanzi ta' San Ġiljan li huma t-Torri msemmi propju ghall-San Ġiljan li jinsab f'Tas-Sliema, Dan it-torri huwa importanti għad-difiża tal-Port ta' San Ġiljan. Fuq in-naħa l-oħra kien jiddefendi ix-Xatt ta' Tas-Sliema. Torrijiet oħrajn li jinsabu fil-viċinanzi ta' San Ġiljan huma t-Torri tal-Madliena li jinsab f'Pembroke, it-Torri ta' Qalet Marku li jinsab viċin Baħar iċ-Ċagħaq u t-Torri tal-Għallis li jinsab viċin is-Salini. Dawn flimkien mat-Torri ta' San Ġorġ li bħalma diġà għedna kien diġà mibni mill-Gran Mastru Lascaris kienu ta' sigurtà kbira għall-inħawi ta' San Ġiljan u għalhekk in-nies setgħet toqgħod iktar trankwilla.

Tajjeb ngħidu li dawn it-torrijiet kellhom sistema ta' difiża formidabbli peress li kienu kollha mgħammra bil-kanuni. Barra minn hekk kellhom sistema ta' komunikazzjoni bejniethom li biha setgħu jwasslu messaġġi lil xulxin u lill-poplu f'każ ta' xi attakk. Din is-sistema kienet tajba biżżejjed li fi ftit ħin il-Belt Valletta kienet tkun avżata li kien qiegħed iseħħ attakk għalhekk kienet tipprepara il-kontrattakk u d-difiża.



Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier, magħrufa popolarment bħala Ta' Lapsi.

Biex tkompli tikber id-difiża ta' dawn l-inħawi fi żmien il-Gran Mastru Emmanuel Pinto de Fonseca nbena ridott fil-Bajja ta' San Ġorġ li kien jissejjaħ tad-Dragunara. Dan ir-ridott kien mezz ieħor ta' difiża li kien jinbena fil-ġewwieni ta' daħliet

jew bajjiet kennija. Quddiem ir-ridott kienet issir trunċiera li kienet tkompli tagħmilha diffiċli lill-għadu biex jiżbarka. Illum minn dan ir-ridott ma fadal xejn ħlief parti minn din it-trunċiera. Ridott ieħor insibuh fit-tarf tal-promontorju ta' Paceville fejn illum insibu Portomaso.

Dawn is-sistemi ta' difiża kienu strumentali biex il-ħajja fir-raħal ta' San Ġiljan setgħet toktor u minn daqsxejn ta' raħal tas-sajjieda seta' jikber u joktor fil-popolazzjoni tiegħu. Biżżejjed insemmu li għall-ħabta tal-1580 kienet diġà twaqqfet l-ewwel Knisja ddedikata lil San Ġiljan din reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1682. Ftit wara kien inbena ukoll il-Palazz tal-Kavallier Fra Paolo Raffaelle Spinola. Fl-1687 bdiet tinbena il-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni. Ma' din naraw li kompla jinbena iktar bini residenzjali. Dan l-iżvilupp wassal biex eventwalment fl-1848 il-Knisja l-Qadima ta' San Ġiljan saret Viċi-Parroċċa u fl-1891 saret Parroċċa fejn inqatgħet minn mal-Kolleġjata ta' Birkirkara. Hekk naraw li l-fortifikazzjonijiet minkejja li jintużaw għall-gwerra xorta jistgħu jservu ta' ġid u f'dan il-każ naraw li l-protezzjoni li offrew kienu strumentali biex issawwar ir-raħal ta' San Ġiljan.

**Basic** Food & Drinks Cash & Carry

*Open Days - 7 Days a week*
*08:00 till 01:00*

**Triq il-Qaliet, San Ġiljan**
**Tel: 2137 4617**